# Beati u Qaddisin....Lulju

**BEATA ANGELINA TA' MARSCIANO ( 1374 – 1435)**

**18 TA' LULJU**

Il-Beata Angelina ta' Marsciano waqqfet l-ewwel kommunita' tal-Frangiskani Nisa. Hija twieldet lid-DuKa ta' Marsciano qrib Orvieto fis-sena 1374. Kellha biss tnax-il sena meta ommha mietet u hallietha orfni.



Tlett snin wara hija ghamlet weghda ta' kastita' ghal dejjem. Imma dik is-sena stess kellha tbaxxi rasha ghat-talba ta' missierha li tizzewweg lid-Duka ta' Civitella li qabel maghha li huwa ghandu jirrispetta il-weghda li kienet ghamlet lil Alla.

Meta sentejn wara miet zewgha u sfat armla, Angelina inghaqdet mal-Frangiskani Sekulari u ma' hafna nisa ohra iddedikat ruhha li tikkura lill-morda, u tiehu hsieb lir-romol u l-orfni.

Hafna nisa zaghzagh ohra ngibdu biex ikunu parti mill-kommunita ta' Angelina; dan qanqal hafna ghajdut u xi whud akkuzawha li qed tikkundanna l-vokazzjoni taz-zwieg. Leggenda tghid li meta dehret quddiem ir-re ta' Napli biex tirrispondi ghal dawn l-akkuzi, hija kellha gmamar tal-faham jaqbad mohbija fil-mantel taghha.

Quddiem ir- re, Angelina qalet li kienet tirrispetta l-vokazzjoni taz-zwieg imma hassitha msejha biex taqdi lil Alla permezz ta' triq ohra. Din hi l-verita kollha, stqarretmar-re. Meta hija urietu li kellha dawn il-gmamar jaqbdu u qalet lir-re li minkejja dan hija ma gralha xejn, ir-re helisha minn kull akkuza.

Hija marret mal-kommunita' taghha gewa Filigno fejn irceviet l-approvazzjoni tal-papa fis-sena 1397. Fi ftit taz-zmien hija waqqfet 15 il-kommunita' simili fi bliet ohra gewwa l-Italja. Hija mietet fl-14 ta' Lulju tas-sena 1435 u giet beatifikata fis-sena 1825.